# ID-DAWL

MEJJU 2020
WWW.AHMADIYYA.MT
NUMRU 29

"Is-sawm huwa miktub għalikom biex forsi jkollkom il-biża' ta' Alla."



Ir-Ramadan u t-Taqwa | X'Inhu t-Taqwa? | Sidna Nitolbuk | Meta nkun Marid

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# RAMADAN: ŻEWĠ PRINĊIPJI BAŻIĊI

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], jgħid:

> **"Hemm biss żewġ partijiet sħaħ tal-fidi. Waħda hija li tħobb lil Alla u l-oħra hija li tħobb lill-proxxmu sal-punt li inti tikkunsidra t-tbatija u s-sofferenzi u l-inkwiet ta' ħaddieħor qishom tiegħek u li inti titlob għalihom."**

Ir-Ramadan huwa manifestazzjoni vera u meraviljuża ta' dawn iż-żewġ prinċipji bażiċi u fundamentali tat-tagħlim Iżlamiku. Fejn fuq naħa jħeġġeġ lill-Musulmani biex iqimu lil Alla Omnipotenti u jibnu relazzjoni mill-qrib Miegħu, huwa jordnalhom ukoll biex juru mogħdrija u għożża mal-umanità kollha.

**ID-DAWL**

April 2020 – Numru 28 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel:** 27 342 401 | **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

**INDEX**

| | |
|---|---|
| Two Basic Principles | 2 |
| Ramadan and Taqwa | 3 |
| What is Taqwa? | 4 |
| Our Lord we pray | 6 |
| When I am sick | 8 |

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**
**Indirizz: Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira**
Qoxra: Rocky Roki | Shutterstock

# IR-RAMADAN U T-*TAQWA*

> **"Intom li temmnu, is-sawm huwa miktub għalikom, bħalma nkiteb għal dawk ta' qabilkom, biex forsi jkollkom il-biża' ta' Alla."** (Il-Koran, 2:184)

Bil-Grazzja ta' Alla Omnipotenti, qed ningħataw l-opportunità biex nesperjenzaw għal darba oħra xahar ieħor ta' Ramadan, ix-xahar tas-sawm. Il-vers t'hawn fuq ifakkarna li l-għan tas-sawm huwa li niksbu t-***taqwa*** (il-biża' vera minn Alla).

L-għan tas-sawm li kien preskritt għar-reliġjonijiet ta' qabel ukoll kien it-*taqwa*.

Alla Omnipotenti ddeskriva l-filosofija kollha u l-għan tas-sawm bis-saħħa ta' kelma waħda, li hija biex tinkiseb it-*taqwa*.

L-Iżlam jitlob mill-Misilmin kollha li jifhmu l-qofol tas-sawm u li jippruvaw jilħqu l-iskop tiegħu tul ix-xahar ta' Ramadan; li jadottaw it-*taqwa* u jkomplu jimxu 'l quddiem fiha.



# X'INHU T-*TAQWA*?

Il-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad[aba], il-Mexxej tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, biex ifisser x'inhi *taqwa*, jgħid:

"Għalhekk, agħmlu sforzi akbar f'dan ix-xahar ħalli tosservaw il-kmandamenti t'Alla Omnipotenti u tagħtu kas l-adorazzjoni Lejh ħalli l-għemejjel tagħkom jgħinukom biex tadottaw dawn l-użanzi għal dejjem fil-ħajja tagħkom. B'hekk, tul ix-xahar ta' Ramadan, meta nippruvaw niksbu t-*taqwa*, l-attenzjoni tagħna tmur fuq l-aspetti varji tal-adorazzjoni. Jekk insumu waqt li qed nosservaw it-*taqwa*, l-attenzjoni tagħna tmur fuq il-protezzjoni tagħna nfusna mill-vizzji u fuq il-fatt li nfittxu li nħarsu l-kmandamenti ta' Alla Omnipotenti. Jekk ma niqfux mill-vizzji, kemm jekk qed jaffettwaw lilna kif ukoll jekk qed idejqu lill-oħrajn, ma nistgħux nilħqu l-għan vera tas-sawm sakemm ma niqfux minn dawn il-prattiki. Jekk ma jirnexxilniex nagħmlu dan mela l-iskop tas-sawm ma jintlaħaqax. Dik hija t-tifsira tat-*taqwa*.

Minkejja s-sawm, jekk wieħed ikun arroganti, ikun kburi bla bżonn bl-għemejjel u d-diskors tiegħu, jew għandu l-vizzju li jammira lilu nnifsu billi jkun jixtieq li l-oħrajn ifaħħruh, jew li dawk ta' taħtu jfaħħruh, u jogħxa meta jisma' lill-oħrajn ifaħħruh jew jixxennaq għal din it-tip ta' foħrija, mela dan kollu ma jgħoddx bħala *taqwa*.

Jekk ma niqfux mill-ġlied, mit-tilwim, mit-tlissin tal-falzità u mit-tixrid tad-diżordni waqt is-sawm, mela dan mhuwiex *taqwa*.

Jekk m'aħniex qed inqattgħu l-ħin tagħna waqt is-sawm medhijin fl-adorazzjoni, fit-talb u fl-għemejjel ġusti, mela dan




la jista' jitqies bħala *taqwa*, u lanqas aħna ma nkunu qed nilħqu l-għan tas-sawm.

Għaldaqstant, il-fatt li wieħed jastjeni mill-vizzji u li jwettaq għemejjel ġusti waqt ir-Ramadan iġiegħel lill-persuna tikseb l-għan tas-sawm. Aktar minn hekk, jekk persuna tipprova tikseb dan b'sodizza, ikunu kapaċi jilħqu tabilħaqq l-għan tas-sawm. Altrimenti, ikunu biss qed imutu bil-ġuħ għalxejn.

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien qal li Alla Omnipotenti m'għandux bżonn li n-nies imutu bil-ġuħ jekk mhumiex qed jilħqu dawn l-objettivi."[(i)]

---

(i) Il-Prietka tal-Ġimgħa, 18 ta' Mejju 2018, magħmula fil-Moskea Baitul Futuh, Londra

# SIDNA NITOLBUK

Mulej tagħna, agħmel min-nisa tagħna u minn uliedna l-pjaċir ta' *għajnejna*, u agħmilna mudell għat-twajbin. (Il-Koran, 25:75)

O Alla, Sidna, ibagħtilna mis-smewwiet mejda mimlija bl-ikel li għalina tkun qisha festa, kemm għall-ewwel fostna kif ukoll għall-aħħar fostna, u Sinjal Mingħandek; u pprovdilna s-sosteniment, għaliex Inti l-Aqwa fost is-sostenituri. (Il-Koran, 5:115)

"Jiena nfittex kenn f'Sid is-sebħ, 'Mill-ħażen ta' dak li Huwa ħalaq', 'U mill-ħażen tal-lejl meta jinfirex', 'U mill-ħażen ta' dawk li jonfħu fl-għoqiedi biex *iħolluhom*', 'U mill-ħażen tal-għajjur meta dan jgħir'." (Il-Koran, 113)

**"Jiena nfittex kenn f'Sid l-umanità, fir-Re tal-umanità, f'Alla tal-umanità,** mill-ħażen tal-fesfies qarrieq, li jfesfes fil-qlub tal-bnedmin, minn qalb il-Ġinn u l-umanità." (Il-Koran, 114)

Mulej tagħna l-Ħanin, mimli mħabba, ħniena u grazzja, f'dan iż-żmien meta qed inħossuna mitlufa nitolbuk biex taħfrilna dnubietna. Iggwidana fit-triq it-tajba – it-triq tal-mogħdrija u l-kompassjoni tiegħek.

O Alla, Sidna, illum ninsabu għarkupptejna quddiemek nitolbu għall-ħniena tiegħek. Aħna nemmnu li inti l-Aktar Ħanin. Ikollok ħniena minna, salvana u ħarisna lkoll.

Mulej tagħna, nitolbu wkoll għall-mexxejja tagħna. Nitolbu għall-ħaddiema kollha tas-saħħa, bħat-tobba, l-infermiera u l-istaff paramediku li qegħdin fuq quddiem nett f'din il-ġlieda

kontra din il-pandemija. Mulej tagħna, nitolbuk timliehom bid-dehen, bil-qawwa, bis-saħħa u l-kapaċità li jiġġieldu kontra din il-pandemija.

Mulej tagħna, nitolbu għall-aġenziji tagħna li jżommu l-paċi u l-ordni, bħall-armata u l-pulizija tagħna. Mulej tagħna, nitolbuk għall-ġurnalisti tagħna li jaħdmu bla heda biex iwasslulna l-aħbarijiet u l-informazzjoni.

Mulej tagħna, nitolbu għall-familji tagħna, għal uliedna, il-qraba tagħna, il-ħbieb u l-membri tal-komunità.

Mulej l-Aktar Ħanin, nitolbuk għall-gwida, is-sigurtà u l-ħarsien tal-umanità kollha. Mulej tagħna, ikollok ħniena minna. Ammen


Fantom_rd | Shutterstock

# META NKUN MARID

**"U meta nkun marid, Huwa Alla li jerġa' jagħtini saħħti."**

(Il-Koran, 26:81)

**"O SID L-UMANITÀ! Neħħi din il-marda. Erġa' agħti s-saħħa għax Inti huwa Dak li Tfejjaq. M'hemm ħadd iżjed li jista' jfejjaq. Agħti tant saħħa perfetta li ma tħalli ebda wġigħ eżistenti."**

(Talb tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa])

**"O Alla, Dak li jneħħi l-problemi u d-dwejjaq, Dak li jisma' t-talb tal-foqra, Dak li jagħti l-premjijiet f'din id-dinja u ta' warajha, Dak li jagħti l-premju għax-xogħol iebes; Inti biss tista' turi ħniena minna. Għalhekk agħtina ftit minn din il-ħniena speċjali li tagħmilna indipendenti minn kull tip ta' tieba ħlief Tiegħek."**

(Talb tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa])

**"Mulejja, ġagħalni nħares it-Talb, u lil uliedi wkoll. Ja Sidi! Itfa' l-grazzja Tiegħek fuqi u aċċetta t-talba tiegħi."**

(Il-Koran, 14:41)

Ammen

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**